MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-3 ta' April, 2007

Avviz Numru. 232/2006

**EC Travel Services Limited**

**vs**

**Emanuel Balzan**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, erba' mija u erbgha u hamsin Lira Maltin (LM4,454.00,0), oltre l-imghax legali rapprezentanti prezzijiet ta' biljetti ta' l-ajru u akkomodazzjoni f'lukandi barra minn Malta liema biljetti u prenotar kienu minnu ordnati u lilu fornuti;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficcjali datata it-28 ta' Marzu tas-sena 2006 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-28 ta' Marzu tas-sena 2007 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut Emanuel Balzan.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------